

Minn Joseph Lynn Micallef

*Funding Support Officer fi ħdan il-Forum Malta fl-Ewropa.*



# TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA

Permezz tal-programm 'Tagħlim tul il-Ħajja', l-Unjoni Ewropea kompliet tpoġġi fil-prattika dak li dejjem emnet fih, jiġifieri l-importanza ta' relazzjoni b'saħħitha bejn it-tagħlim u l-taħriġ prattiku, kif ukoll li it-tagħlim għandu jkun proċess kontinwu sabiex joħloq ħaddiema Ewropej aktar flessibbli u impjegabbli skond id-domanda tas-suq. Infatti, dan il-Programm gie fis-seħħ f'Jannar tal-2007 u huwa jgħaqqad flimkien diversi miżuri li jiffukaw fuq aspetti diversi tat-taħriġ u edukazzjoni.

L-għan ta' dan il-programm m'huwiex li jkun ta' soluzzjoni għall-iżvilupp tat-tagħlim tul il-ħajja, imma li joffri xi ħaġa aktar fuq dak li diġa qed jagħmlu il-Gvernijiet Ewropej.

Bħala prioritajiet ċentrali, dan il-programm qed jimmira li jtejjeb il-kwalita' kif ukoll l-aċċess għal kull tip ta' taħriġ, li jkun hemm iktar parteċipazzjoni f'tagħlim għall-adulti, iktar taħriġ ta' kwalita' għall-edukaturi u li kull taħriġ ikun miftuħ bl-istess mod għal kulħadd.

Dan il-programm huma magħmul minn erbgħa miżuri – Comenius, Erasmus, Leonardo da Vinci u Grundtvig - li għandhom ikunu fundamentali sabiex jintlaħqu l-għanijiet imsemmija.

Xi skop għandhom dawn il-miżuri?

L-għan prinċipali tal-Comenius huwa li, billi jiffoka primarjament fuq l-istadji inizjali tal-edukazzjoni tat-tfal, jesponi kemm lit-tfal u wkoll lill-edukaturi tagħhom għad-diversita' Ewropea – kemm f'dak li huma kulturi, lingwi, kif ukoll valuri. Per eżempju, fis-sena 2006, madwar 80 skola f'Malta ħadu fondi biex iwettqu proġetti relatati ma' dan l-aspett. B'differenza għal dan, il-miżura Grundtvig tagħfas aktar fuq l-edukazzjoni għall-adulti.

Erasmus, min-naħa l-oħra, jagħmel enfasi fuq il-kwalita' ta' l-edukazzjoni post-sekondarja. Fost l-oħrajn, jistgħu jiġu ffinanzjati diversi skambji kemm għall-għalliema kif ukoll għal studenti f'livell post-sekondarju. F'Malta bejn is-sena 2000 u l-2005, total ta' 926 student universitarju u għalliem universitarju bbenefikaw minn skambji ma' diversi universitajiet Ewropej. Ta' min jinnota li mill-2007 'il quddiem, din il-miżura ma baqgħetx biss miftuħa għal studenti universitarji imma anke għal studenti oħra f'livell post-sekondarju.

Min-naħa l-oħra, Leonardo da Vinci għandu l-għan li jtejjeb it-taħriġ vokazzjonali permezz ta' diversi skambji u proġetti li jiżviluppaw prattiċi innovattivi relatati ma' taħriġ vokazzjonali. Per eżempju, l-MCAST kellu diversi proġetti taħt il-programm Leonardo da Vinci fejn diversi studenti f'dan il-kulleġġ kellhom esperjenza ta' xogħol f'diversi kumpaniji madwar l-Ewropa, esperjenza li tikkumplimenta dak li jitgħallmu fil-Kulleġġ.

Jikkumplimentaw dawn il-miżuri hemm ukoll programm transverali li jagħti *support* kemm fl-innovazzjoni fit-taħriġ vokazzjonali, fl-iżvilupp fl-informatika u wkoll promozzjoni tat-tagħlim tal-lingwi. Dan kollu jgħin sabiex l-għajnuna li joffri dan il-programm ikun iktar oġġettiv u jkopri kull qasam tat-tagħlim.

Aktar tagħrif dwar dan is-suġġett jista' jinkiseb billi wieħed jżur is-sit elettroniku www.forummalta.gov.mt jew iċempel fuq 2590 9101 jew jibgħat email fuq forumfunding@gov.mt

FORUM MALTA FL-EWROPA

**Indirizz: 280, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta VLT1112**
**Telefon: 2590 9101**
**e-mail: *foruminfo@gov.mt***